**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**(Spettur Lydon Zammit)**

**vs.**

**Victor Stellini**

Kaz Numru: 343/2018

Illum 30 ta' Mejju 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Victor Stellini**, ta' erbghin (40) sena, iben Francis u Victoria neé Raggio, imwieled Pietà fis-6 ta' Jannar 1978, residenti 40, Flat 3, Triq Spinola, San Giljan u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 63078(M)

akkuzat talli:

1. minn gewwa l-appartament bin-numru 7 li jinsab fi Stanbridge Court, Triq il-Kbira, Sliema fil-5 ta' Jannar 2008 ghall-habta ta'

bejn 14:30hrs u 16:00hrs, ikkommetta serq ta' gojjellerija li l-valur taghhom ma jeccedix l-elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-lok li sar ghad-detriment tas-sidien tal-imsemmija residenza u/jew persuna/i ohra;

2. sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu *ai termini* tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat Victor Stellini, ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien ragonevoli sabiex jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nfitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu f'dawn il-proceduri, il-fedina penali tal-imputat u, kif ukoll, dak suggeriet mill-Prosekuzzjoni u mid-difiza fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat. Il-Qorti hija tal-fehma li, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, ghandha taderixxi ma' dak suggeriet mill-Prosekuzzjoni u mid-difza fir-rigward tal-piena li ghandha tinghata lill-imputat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 49, 50, 261(b), 261(c), 261(e), 263, 267, 269(g), u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat Victor Stellini hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat Victor Stellini taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' sentejn mil-lum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-imputat Victor Stellini bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' *probation* u tal-kondizzjonijiet <u>kollha</u> elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' *probation,* jistgha jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' *probation* moghti b'Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat Victor Stellini.

Il-Qorti tichad it-talba fir-rigward ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema talba hija kontenuta fic-*charge sheet*, u dana *stante* li ma jirrizultax li gew imqabbda esperti.

Finalment, il-Qorti tordna li, *ai termini* ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u

kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**